# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, it-Ġimgħa, 31 ta' Jannar 2025**

**Avviż numru: 3/2021 BS**

**Stephen Bigeni**

**-vs-**

**Emanuel Spagnol**

*Decizjoni in parte*

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat l-avviż** ta' Stephen Bigeni[1] fejn talab lill-konvenut Emanuel Spagnol jghid il-ghaliex m'għandux ikun ikkundannat iħallsu lura s-somma ta' ħamest elef u ħames mitt Ewro (€5500), mgħoddija lilu fl-20 ta' Diċembru 2018 sabiex jieħu ħsieb l-otteniment ta' permess ta' żvilupp fl-interess tiegħu – ta' l-attur. Premess li tali permess mhux biss qatt ma ġie ottenut iżda l-konvenut l-anqas għamel dak li kellu jagħmel biex isiru l-proceduri appoziti.

[1] Avviz a fol 1.

L-attur talab għalhekk sabiex il-konvenut ikun ikkundannat jirrifondi din is-somma bl-imgħax mid-data msemmija.

Bl-ispejjeż kollha nkluzi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Jannar 2021 u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ta' Emanuel Spagnol[2] li permezz tagħha eċċepixxa:**

*"It-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fl-avviż imressaq fis-sbatax (17) ta' Marzu 2021 għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kollha kontrih, u dan għar-raġunijiet li ġejjin:*

1. *Fl-ewwel lok u in linea preliminari, din il-Qorti m'għandiex kompetenza sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża, stante li l-konvenut huwa Malti u residenti Malta, ukoll għaliex ma jeżisti ebda ftehim mar-rikorrenti illi l-esponenti jħallas xi ammonti ġewwa Għawdex. Għalhekk, l-esponenti igawdi fir-rigward ta' din l-Onorabbli Qorti l-privilegium fori ai termini l-artikolu 767 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Fit-tieni lok, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa'; dan għaliex il-permessi fl-iskrittura bejn il-partijiet tal-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Dok. 'A') ma' setgħux joħorġu unikament tort tal-attur, u mhux ħtija tal-konvenut - dan kif se jidher muri waqt is-smigħ ta' din il-kawża;*

3. *Fit-tieni lok, it-talba tal-esponenti hija mill-bqija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulteruri, skont il-każ."*

**Rat ir-risposta tal-kjamat in kawża Simon Spiteri[3] li permezz tagħha eċċepixxa:**

1. *"Illi preliminarjament, l-esponenti jeccepixxi l-privilegium fori ai termini tal-Artikoli 767 et seq tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni succitata, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti ghandhom jigu michuda in toto stante illi:*

---

[2] Risposta a fol 10. Ezebita ghal darb'ohra a fol 14.
[3] Risposta a fol 44.

a. *L-eccipjenti kjamat in kawża ghamel xogholijiet relatati ma' applikazzjoni ghall-izvilupp ghan-nom tar-rikorrenti, b'dan pero' li din l-applikazzjoni ma' kellix ezitu favorevoli;*

b. *Illi min-naha tieghu, l-esponenti qeda l-inkarigu tieghu b'mod shih u r-rikorrenti kien ben konsapevoli ta' dan kollu, b'dan izda li l-istess kjamat in kawża huwa kumpletament estranju ghall-materja mertu ta' dawn il-proceduri u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz;*

c. *L-eccipjenti ma assuma l-ebda obbligazzjoni dwar rifuzjoni ta' flejjes jekk l-applikazzjoni ma' tigix accettata;*

d. *L-eccipjenti kjamat in kawża m'ghandu l-ebda responsabbilitajiet dwar materji li l-esponenti ma hux parti minnhom;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

**Fliet l-atti.**

**Rat** l-iskrittura ta' bejn il-partijiet kontendenti datata l-20 ta' Diċembru, 2018 eżebita mar-risposta tal-konvenut li biha l-attur ddelega lill-konvenut sabiex jagħmel u jmexxi varji applikazzjonijiet ma' l-Awtorita' tal-Ippjanar versu ħlas mill-attur ta' EUR 5,500.[4]

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Lulju, 2021 il-konvenut ġie ordnat iressaq il-provi tiegħu dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*.

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2022 il-konvenut iddikjara li rigward provi dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori,* kien qiegħed jistrieh fuq l-iskrittura datata l-20 ta' Diċembru, 2018.[5]

**Rat** li fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2022 il-konvenut iddikjara magħluqha l-provi tieghu dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*. Il-kawża ġiet differita għall-provi tal-attur dwar l-istess eċċezzjoni.[6]

---

[4] Kopja fotostatika tal-iskrittura a fol 11, ezebita ghal darb'ohra a fol 15.
[5] Verbal a fol 21.
[6] Verbal a fol 22.

**Rat** li fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2022, wara li l-konvenut talab il-kjamat in kawża ta' Simon Spiteri, u l-attur rrimetta ruħu dwar l-istess talba, din il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat il-kjamat in kawża ta' Simon Spiteri.[7]

**Rat** li fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2023 il-kawża ġiet differita għall-provi u t-trattazzjoni dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* sollevata mill-kjamat in kawża.[8]

**Rat** li fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2024, l-attur, il-konvenut, kif ukoll il-kjamat in kawża lkoll qablu li l-kjamat in kawża huwa resident Malta. Il-kawża baqgħat differita għall-provi u t-trattazzjoni dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*.[9]

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2024 il-konvenut iddikjara magħluqha l-provi tiegħu dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* filwaqt li l-kjamat in kawża ddikjara li in vista tal-qbil bejn il-partijiet ma' kellux provi xi jressaq dwar l-istess eċċezzjoni. Il-Qorti akkordat żmien għan-noti tal-osservazzjonijiet dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* bil-kawża ġiet differita għal-lum ghad-deċiżjoni in parte dwar l-istess eċċezzjoni.[10]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża** nkluż dokumenti eżebiti, verbali, noti, traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha, u affidavits.

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Stephen Bigeni**, l-attur, rigward l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*, xehed permezz ta' affidavit.[11]

---

[7] Verbal a fol 28 u 29.
[8] Verbal a fol 50.
[9] Verbal a fol 52.
[10] Verbal mhux paginat.
[11] Affidavit a fol 24.

Jiddikjara li huwa jopera kjosk fil-bajja ta' San Blass, Għawdex. Iżid li kien ilu nkwetat rigward in-nuqqas ta' permessi dwar l-istess.

Jgħid li darba kien jitkellem ma' ċertu Charlie Zahra dwar din il-problema. Iżid li Zahra qallu li jaf lil xi ħadd li jkun jista jgħinu jġib il-permessi. Jgħid li l-persuna li ssuġġerixxa Zahra kien il-konvenut Emanuel Spagnol.

Jgħid li huwa ltaqa mal-konvenut u perit, ċertu Perit Simon Spiteri fil-kjosk. Jgħid li kemm il-perit kif ukoll il-konvenut qalulu li ma' kellux ikun hemm diffikolta' għall-ottjeniment tal-permessi.

Jiddikjara li l-konvenut talbu EUR 5,500 bħala ħlas. Iżid li l-pagament kellu jkopri kollox. Jgħid li għalhekk marru għan-nutar u saret l-iskrittura tal-20 ta' Diċembru, 2018.

Jgħid li ż-żmien beda għaddej u ma' beda jara ebda progress. Jgħid li l-applikazzjoni kienet saret u kien imiss li ssir validazzjoni tagħha. Iżid li sa fejn jaf hu l-validazzjoni qatt ma saret. Jiddikjara li jgħid *"sa fejn jaf hu"* stante li l-konvenut ma' kien qed jurih b'xejn.

Jiddikjara li kellem lill-perit u anke urih l-iskrittura tal-20 ta' Diċembru, 2018 bil-perit qallu li l-konvenut lilu tah EUR 2,200. Iżid li l-perit qallu li bil-bqija tal-flus li kellu f'idejh il-konvenut, l-istess konvenut setgħa jkompli jaħdem.

Jgħid li minkejja dan, il-konvenut m'għamel xejn aktar bl-applikazzjoni waqgħat. Iżid li skont il-perit, il-konvenut kellu jottjeni xi *clearances* mill-Awtorita' tat-Turiżmu iżda ma' kien għamel xejn.

Jgħid li wara sar jaf li din il-biċċa xogħol, il-konvenut kien għamilha qabel, inkluż lil Charlie Zahra stess li kien laqqagħhom. Iżid li l-konvenut għamel l-istess lill-Għawdxi ieħor, ċertu Florian Farrugia.

Jiddikjara li huwa jaf li l-konvenut jgħix Malta. Iżid iżda li l-ftehim sar Għawdex u l-permess kellu jinħareġ fuq proprjeta' f'Għawdex.

Jgħid li fl-iskrittura l-konvenut intrabat li jekk ma' joħroġx permess hu jirrifondi l-flus imħallsa lilu lura. Iżid li lill-konvenut ħallsu f'Għawdex

u tali rifużjoni kellha wkoll issir Għawdex. Iżid li fuq kollox hu jemmen li l-konvenut frodah u tali frodi seħħ f'Għawdex.

Jikkonkludi li għalhekk huwa għażel li jagħmel il-kawża Għawdex.

**In kontro-eżami**, xehed[12] li ma jiftakarx x'jismu n-nutar fejn saret l-iskrittura ta' bejnu u bejn il-konvenut iżda jaf li l-uffiċju kien it-Tiġrija Palazz.[13] Jgħid li preżenti dakinhar tal-iskrittura kien hemm in-nutar, hu, u l-konvenut.

Jgħid li lill-Perit Simon Spiteri ltaqa' miegħu darba biss, il-kjosk. Iżid li wara dakinhar kellmu biss bit-telefon. Jgħid li l-perit fil-bidu kien jgħidlu li qed jagħmel il-pjanti u wara li da parti tiegħu kien lesta kollox u kien baqa' biss il-*clearance* mill-Awtorita' tat-Turiżmu. Iżid li l-perit kien qallu li kien il-konvenut li kellu jmexxi l-kumplament.

Jgħid li minkejja dan il-konvenut m'għamel xejn aktar iżda żamm il-pagament.

**Emanuel Spagnol**, il-konvenut, rigward l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*, xehed permezz ta' affidavit.[14]

Jiddikjara li huwa jirrisjedi ż-Żejtun kif jirriżulta mil-karta tal-identita' u l-liċenzja tas-sewqan tiegħu li jannetti kopji fotostatiċi tagħhom.[15] Jgħid li fil-fatt bl-atti tal-kawża hu ġie notifikat f'indirizz fiż-Żejtun, Malta.

Jiddikjara li oltre dan, anke l-iskrittura tal-20 ta' Diċembru, 2018 tindika li huwa joqod iż-Żejtun, Malta.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

[12] Traskrizzjoni a fol 26 u 27.
[13] Tigrija Palazz huwa stabbiliment bi hwienet u ufficini fir-Rabat, Ghawdex.
[14] Affidavit datat it-22 ta' Ottubru, 2024 – mhux paginat.
[15] Kopji tal-karta tal-identita' u tal-licenzja tas-sewqan in atti – mhux paginati.

B'din l-istanza l-attur, wara li ppremetta li huwa daħal fi ftehim għall-ottjeniment ta' permess dwar proprjeta' ossia kjosk f'San Blas, Għawdex mal-konvenut, li naqas milli jottjeni tali permess f'ismu – f'isem l-attur; talab ir-rifużjoni tal-ammont mħallas minnu lill-konvenut fuq l-istess ftehim – skrittura tal-20 ta' Diċembru, 2018.

Il-konvenut laqa' għat-talba tal-attur billi eċċepixxa, *inter alia*, u preliminarjament, il-*privilegium fori* għar-raġuni li huwa residenti Malta, mhux Għawdex.

Aktar tard, u fuq l-iskorta tax-xhieda mogħtija mill-attur dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*, il-konvenut sejjeħ fil-kawża lill-kjamat in kawża Simon Spiteri.[16] L-istess Simon Spiteri, fost eċċezzjonijiet ulterjuri, eċċepixxa wkoll, u preliminarjament, il-*privilegium fori*.

Din id-deċiżjoni hija limitata għall-eccezzjoni tal-*privilegium fori* hekk kif imqajma kemm mill-konvenut kif ukoll mill-kjamat in kawża.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Li kemm il-konvenut kif ukoll il-kjamat in kawża huma residenti ġewwa l-gżira ta' Malta jirriżulta ampjament mill-atti nfishom tant mill-indirizz mogħti mill-attur inniffsu għan-notifikar tal-konvenut bl-avviż promotur li jaqra *Żejtun, Malta*;[17] kemm mill-fatt li l-iskrittura ffirmata bejn l-attur u l-konvenut fl-20 ta' Diċembru, 2018 tgħid ċar li l-konvenut kien *mwieled Żejtun Malta* u huwa *residenti wkoll Żejtun*;[18] kemm ukoll mid-dokumenti, ossia kopja tal-karta ta' l-identita' u tal-liċenzja tas-sewqan, eżebiti mill-konvenut bi prova ta' fejn jirresjedi;[19] kif ukoll mil-qbiel milħuq bejn il-partijiet quddiem din il-Qorti li l-kjamat in kawża huwa resident Malta.[20]

Dan oltre l-fatt li fix-xhieda tiegħu stess l-attur jaqbel li l-konvenut huwa residenti Malta iżda jagħti raġunijiet tiegħu għalfejn skontu l-Qorti ta' Għawdex għandha tkompli tisma l-każ kontrih.[21]

---

[16] Verbal a fol 28 u 29.
[17] Ref.: l-avviz a fol 1.
[18] Ref.: kopja tal-iskrittura a fol 15.
[19] Ref.: kopji tal-karta tal-identita' u tal-licenzja tas-sewqan in atti, mhux pagianti.
[20] Verbal a fol 52.
[21] Ref.: para. 10 tal-affidavit tal-attur a fol 24.

Dan magħdud, għalkemm il-prinċipju ġenerali huwa li l-benefiċċju tal-*privilegium fori* huwa d-dritt ta' persuna li tiġi mħarrka fil-Qorti tal-gżira fejn tgħix, ċjoe' Malta jew Għawdex li tinkludi Kemmuna;[22] dan iżda huwa bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 770 tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi kif isegwi:

> **770.** *Il-privilegium fori jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari.*

Tali Artikolu 770 jibni fuq il-prinċiplu li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) *hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-qorti.*[23]

Għalhekk il-kompetenza ta' din il-Qorti tiddependi mill-post fejn jgħix jew jirrisjedi l-imħarrek iżda wkoll fuq dawk l-istanzi li jaqgħu taħt l-eċċezzjoni kontemplata fl-Artikolu 770 tal-Kap. 12 suċċitat.

L-Artikolu 770 jipprovdi li persuna li tgħix Malta ma tistax tinvoka l-*privilegium fori* jekk il-ftehim kien li l-obbligazzjoni tiġi mwettqa f'Għawdex.

Il-Qrati nostrani kellhom diversi okkazzjonijiet jesprimu ruħhom dwar din l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* u din il-Qorti tiffaċċja tali eċċezzjoni prattikament kull darba li xi ħadd residenti Malta jiiġ mħarrek quddiemha.

Kif ingħad; ġie konsistentement ritenut li kif tistipula l-liġi stess, il-beneficcju tal-konvenut jispiċċa kemm-il darba jiġi pruvat illi l-kontestazzjoni tirrigwarda obbligazzjoni li kellha titwettaq fi gżira partikolari, fil-każ tagħna f'Għawdex – ara f'dan ir-rigward: l-Appell Ċivili deċiż nhar l-20 ta' Mejju, 1994 fl-ismijiet ***Alfred Cremona et. vs Vanda armla Bradshaw***; l-Appell Kummerċjali deżiż nhar it-12 ta' Frar,

[22] Ref.: Artikolu 741(c) u 767 tal-Kap. 12 li jipprovdu kif isegwi: **741.** *L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata* – […] (*ċ*) *meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari*. **767.** *Il-benefiċċju msemmi fl-artikolu 741(ċ) hu mogħti lill-persuni li joqogħdu fil-Gżira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gżira, u lil dawk li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gżejjer*.

[23] Artikolu 50, subartikolu (1), Kap. 12, Ligijiet ta' Malta.

1992 fl-ismijiet ***Vivian Gatt noe. vs Carmelo Grima***, kif ukoll id-deċiżjoni mogħtija nhar it-22 ta' April, 1997 u kkonfermata fl-appell fl-ismijiet ***Cornucopia Hotel Limited vs Fisher Reisen Limited***.

F'dan il-każ odjern, huwa ċar u manifest li bejn il-partijiet kontendenti hemm ftehim enunċjat fl-iskrittura tal-20 ta' Diċembru, 2018 skont liema l-konvenut kellu jottjeni, wara li jsegwi l-appositi proċeduri mal-awtoritajiet kompetenti, permessi dwar proprjeta' ta' l-attur – kjosk – sitwata f'San Blas, Għawdex; kif minnu rikjesti mill-attur.[24]

Il-konvenut kellu jagħmel dan f'isem l-attur[25] u għax-xoghol intrapriż minnu rċieva mingħand l-attur ħlas ta' EUR 5,500 li tħallsu għand in-Nutar Anthony Hili – nutar li jpoġġi f'uffiċċju fil-binja kummerċjali magħrufa bl-isem *"Tigrija Palazz"* fir-Rabat, Għawdex.[26]

Fid-dawl ta' dan, issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar id-19 ta' Novembru, 1954 fl-ismijiet ***John Borg vs Salvatore Bonnici*** fejn, il-Qorti ta' l-Appell sostniet li ġjadarba kien ċar li n-negozju ġuridiku fil-parti preponderanti tiegħu, jekk mhux kollu, kellu jiġi eżegwit f'Għawdex, għandu jsib applikazzjoni l-Artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn jingħad li l-*privilegium fori* jispiċċa wkoll fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li skond ftehim, kellha tiġi esegwita f'dik il-gżira partikolari.

Applikat dan il-prinċipju għall-kwistjoni odjerna, bil-proprjeta' tal-attur li dwarha kkuntrattaw l-attur u l-konvenut sitwata f'Għawdex, jirriżulta ċar għal din il-Qorti li n-negozju kuntrattat bejn l-istess partijiet, fil-parti preponderanti tiegħu jekk mhux kollu, kien eżegwibbli f'Għawdex.

Dan apparti; obbligazzjoni ulterjuri li assuma l-konvenut fl-iskrittura tal-20 ta' Dicembru, 2018 hija li f'każ li *jonqos milli jissottometti l-applikazzjonijiet necessarji fl-imsemmi zmien ta' tliet xhur u/jew ma jinhargux l-istess permessi relattivi a sodisfazzjon tal-komparenti Stephen Bigeni, il-komparenti Emanuel Spagnol jkun obbligat jirrifondi il-hlas shih moghti lilu ta' hamest' elef u hames mitt Euro (€5,500), minghajr imghax, u dan sa mhux aktar minn gimghatejn mill-iskandenza tal-imsemmija tliet xhur jew mid-data tar-*

---

[24] Ref.: l-ewwel klawsola wara l-identifikazzjoni tal-partijiet fl-iskrittura tal-20 ta' Dicembru, 2018 li tinsab a fol 15.
[25] *Ibid.*
[26] Ref.: l-ewwel, it-tieni, ir-raba', u l-hames klawsola wara l-identifikazzjoni tal-partijiet fl-iskrittura tal-20 ta' Dicembru, 2018 li tinsab a fol 15.

*rifjut tal-istess permessi* – obbligazzjoni li kjarament torbot lill-konvenut ma' Għawdex u li hija l-aktar marbuta mat-talbiet kif dedotti mill-attur.

Dan stante li ġjaladarba l-attur li talab ir-rifużjoni tal-valur imħallas fuq l-iskrittura ċċitata jirresjedi f'Għawdex – fatt li jirriżulta ampjament mill-atti u li mhuwiex kontestat; l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut li f'każ li jonqos milli jottjeni l-permessi rikjesti mill-attur huwa jirrifondi l-ħlas li rċieva bil-quddiem lura lill-istess attur, hija kjarament obbligazzjoni li f'każ ta' eżitu pożittiv dwar it-talba tal-attur li waslet għal dawn il-proċeduri tikkolmina u ssir eżegwibbli bir-rifużjoni f'Għawdex.

Huwa għaldaqstant li din il-Qorti tqies li fuq l-iskorta tal-proviżjoni tal-Artikolu 770; il-*privilegium fori* tal-konvenut spiċċa stante li skont il-ftehim tiegħu mal-attur; l-obbligazzjoni hija eżegwibbli f'Għawdex.

Rigward il-fatt li anke l-kjamat in kawża eċċepixxa l-*privilegium fori* a favur tiegħu, il-Qorti tosserva d-diċitura tal-Artikolu 768 tal-Kap. 12 li jipprovdi kif isegwi:

> **768.** *(1)* ***Meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna****, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod Malta jista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Għawdex; u meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna jista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Malta.*
>
> *(2) Meta waħda mill-partijiet tiċħad b'eċċezzjoni l-kompetenza tal-qorti, dik il-qorti ssir inkompetenti għall-partijiet kollha.*

L-implikazzjoni ta' dan l-artikolu hija li dment li l-għadd tal-konvenuti jkun ekwu, u allura ma' jkunx hemm aktar konvenuti jgħixu fi gżira waħda minn konvenuti jgħixu fi gżira oħra; ma' tissustix ċirkostanza ta' *privilegium fori* favur il-maġġoranza, stante l-ineżistenza ta' maġġoranza.

B'dan li allura din il-Qorti għandha u sejra tiċħad l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta′ u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenut Emanuel Spagnol kif ukoll l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-kjamat in kawża Simon Spiteri dwar il-*privilegium fori*; tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu.

Bl-ispejjeż jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur